Illi b’hekk din il-Qorti thoss li ma hemmx dubbju li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 734(d)(ii) tla-Kap. 12 japplika ghal kaz in ezami u dawn iwasslu sabiex tali decizjoni tal-Bord tigi dikjarata nulla u bla effett u dan peress li effettivament minhabba dawn il-fattispecie tal-kaz l-istess socjeta appellanti quddiem il-Bord giet negate mid-dritt taghha li l-kaz jigi trattat minn Bord compost minn persuni differenit minn dawk li kienu ga trattaw il-kaz meta dan kien quddiem il-Kummissjoni, u b’hekk effettivament l-istess socjeta appellanti giet ukoll negate mid-dritt li jkollha aditu ghad-doppio esame, li huwa principju konness ma dak indikat fl-imsemmi artikolu, li jghin sabiex jistabbilixxi li l-membri tal-istess Bord ikunu imparzjali u indipendenti (L-E.T. Rev. ma Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca proprio et nomine vs. l-Onorevoli Prim Ministru noe et’ – Q.K – 22 ta’ Ottubru 1984).

Illi ovvjament ma hemmx dubbju li dan il-principju jittratta meta jkun hemm l-istess kawza involuta (Licari Estates Limited vs Kishinchand Mohnani – PA (GV) – 19 ta’ Frar 2001); ‘Gauci vs. Gatt’ – A. C. – 6 ta’ Novembru 2007).

Illi dan il-principju huwa tant importanti li huwa wiehed mill-elementi sabiex jassikura l-imparzjalita’ ta’ gudikant jew minn ghandu jiddeciedi fil-kuntest ta’ smiegh xieraq

anke fil-kuntest tad-drittijiet fundamental ital-bniedem, u f'kazi bhal dak odjern huwa wiehed mill-elementi bazilari sabiex jinghad li l-gustizzja mhux biss issir izda tidher ukoll li qeghda ssir ('Arcidiciano Limited vs. Avukat Generali et' – Q.K. 29 ta' Ottubru 2004) u ghalhekk f'dan il-kaz partikolari, u minhabba l-importanza tal-principju ta' imparzjalita' li japplika wkoll ghall-membri tal-istess Bord, thoss lid an il-punt wahdu huwa punt ta' dritt li jaghti lok ghall-appell quddiem din il-Qorti,u wkoll huwa tant serju, li ghandu jwassal minhabba l-fattispecie tal-kaz kif fuq spjegati sabiex tigi annullata d-decizjoni tal-istess Bord tal-4 ta' Mejju 2007.

Il-punti li jitqajmu fin-nota tal-Avukat Dr Leslie Cuschieri, ghall-appellanta ppresentata fl-1 ta' Settembru, 2010, li tittratta zewg appelli jigfieri PAB 224/04 u PAB 279/07, huma migburin fil-qosor izjed l-isfel.

Ir-risposti ghall-dawn il-punti fin-nota addizzjonali ta' Mario Scicluna ghall-Awtorita' ippresentata fis-26 ta' Ottubru, 2010, li tittratta zewg appelli jigfieri PAB 224/04 u PAB 279/07, huma migburin fil-qosor izjed l-isfel.

Ikkunsidra:

Il-mertu ta' dan l-appell jirrigwarda proposta ghal zvillupp li jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' tlett appartamenti fil-livell ta' second floor. Il-proposta tinkludi ukoll il-bini ta' turgien sa fuq il-bejt. Din hija outline application. Is-sit mertu ta' dan l-appell huwa fiz-zona tal-bini ta' Ghasri u jinsab quddiem il-UCA ta' dan ir-rahal. Il-bini ezistenti huwa fuq zewg sulari.

L-argumenti, fil-mertu, li tqajmu fid-diversi stadji ta' dan l-appell jistghu jigu elenkati fil-qosor kif gej:

Fl-appell tieghu, l-appellant isostni li:
• Bl-applikazjoni tal-height relaxation policy, il-height limitation ghaz-zona li fija jinsab is-sit in ezami hija ta' tlett sulari;
• Gew approvati applikazzjonijiet ohra bi tlett sulari u specifikatament wiehed vicin hafna tas-sit in ezami;

• Il-proposta ma’ taffettwax il-visual integrity ta’ l-area;
• Il-Local Plan kien ghadu ma’ dahalx fis-sehh u ghalhekk ma’ jistax jintuza biex tigi rifjutata l-applikazzjoni; u
• Zewg applikazzjonijiet, PA 330/01 u PA 5531/02 gew approvati wara li hareg id-Draft Local Plan.

L-Awtorita irrespondiet li:
• It-Temporary Provisions Scheme (TPS) u l-Height Limitation Guidance juru li l-height limitation ghas-sit in-ezami huwa ta’ zewg sulari;
• Il-policy Interim Review of Building Heights Pending Local Plan Completion tas-sena 1993 kienet tippermetti li f’ certi kazi jinghataw tlett sulari minflok tnejn. Din il-policy ma’ baqghtex tapplika hekk kif gie ppreparat il-Gozo and Comino Local Plan;
• Jekk tigi approvata din l-applikazzjoni jkunu qed jigu miksura il-policies tal pjan strutturali SET8 u BEN4 ;
• Il-proposta ma’ tipprovdiex spazju adegwat ghall-parking u ghalhekk tikser il-policy TRA 4 tal-pjan strutturali;
• Hemm illegalitajiet fuq is-sit li mhux koperti b’din l-applikazzjoni; u
• Il-permessi imsemmija ma sarux biex jizdiedu s-sulari u ma’ jirriferux ghal siti fl-Ghasri.

Fin-nota tieghu tas-7 ta’ Frar, 2005, l-appellant, permezz tal-Perit Grech:
• Inhareg il-permess PA 2210/95 vicin is-sit in ezami ghal sular addizzjonali fuq iz-zewg sulari ezistenti;
• Il-file PA 597/02 kellu jidher fid-DCC li ghandu x’jaqsam mas-siti fl-iskema u mhux dak li jitratta l-UCA;
• Id-DCC ibbazat id-decizjoni taghha fuq il fatt li d-Draft Gozo and Comino Local Plan huwa applikabbli ghal kas in ezami meta d-DCC stess ammettiet li d-Draft Gozo and Comino Local Plan ma’ kiex applikabbli f’numru ta’ applikazzjonijiet ohra imma mhux fil-kas in ezami (PA 330/01, PA 5531/02, PA 3316/04);
• Anki jekk id-draft local plan huwa applikkabbli llum ma’ kiex applikabbli fid-data tar-rifjut tar-reconsideration u tar-rifjut originali;
• L-ipprocessar ta’ l-applikazzjoni damet iz-zejjed fl-istadji kollha;

• Ir-reason for refusal dwar in-nuqqas ta’ parking huwa bla bazi; u
• Hemm commitment qawwi fiz-zona peress li hemm bini ta’ tliet sulari li hu bil-permess vicin tas-sit in ezami u peress li l-appell odjern hu kopert bil-Building Height Relaxation Policy u bil policies u ligijiet applikabbli;

Fir-risposta ta’ David Cassar ghall-Awtorita’ ippresentata fl-4 ta’ Marzu, 2005:
• PA 2210/95 hareg qabel ma’ gie publikat il-Public Consultation Document tal-Gozo and Comino Local Plan u ghalhekk dan il-kas mhux relevanti ghall-kas in ezami;
• Il-proposta in ezami qed tigi rifjutata specikifament ghax tmur kontra l-policies BEN4 u SET 8 ta’ l-iStructure Plan;
• Fil-mappa MAP14.4-C, il-Public Consultation Document tal-pjan lokali jillimita l-izvilupp fis-sit in ezami ghal zewg sulari;
• Il-proposta ghandha parking short fall ta’ hames parking spaces u ghalhekk tmur kontra l-policy TRA 4 tal-pjan strutturali; u
• Il-bini mhux mibni skond il-permess originali u ghalhekk il-provedimenti tas-Circular 2/96 japplikaw ghal dan il-kas.

Fir-risposta tal-Perit Robert Grech ippresentata fl-24 ta’ Gunju, 2005:
• Il-Pjan Lokali gie injorat fil-permessi PA 330/01, PA 5531/02 u f’ohrajn;
• Il-garaxxijiet li hemm wara s-sit mhux abbinati mal-units li nbnew originarjament;
• Ma hemm ebda karatteristici urbani importanti fiz-zona in ezami;
• Ma hemm ebda irregolaritajiet sostanzjali.

Fin-nota tal-Avukat Dr Leslie Cuschieri, ppresentata fit-18 ta’ April, 2007:
• Il-policy GZ-EDGE-1 tal-pjan lokali tghid li fejn il-height limitation hija ta’ zewg sulari jista jinghata receeded floor;
• Il-kas presenti hu wkoll kas ta’ commitment;
• Ghal applikazzjonijiet li dahlu qabel it-3 ta’ Awwissu, 2006, il-Height Relaxation Policy ghada applikabbli (PDG, 2007 – Part 17);

• Jista jithallas ammont ta’ flus fejn ma’ jkunx hemm parking spaces bizzejjed;

Fit-tielet risposta ta’ Lorinda Vella ghall-Awtorita’ ippresentata fl-20 ta’ April, 2007:
• Is-sit ma jaqax fil-parti GZ-EDGE-1 u ghalhekk ma’ japplikax ir-receeded floor;
• Is-sit ma jikkwalifikax taht parti 17 tal-PDG, 2007, peress li PA 2210/95 mhix fl-immediate ‘vicinity izda’ izda ‘within the same street’ u anke ghaliex l-izvilupp propost mhux ‘compatible with its immediate surroundings’ u il-sular addizzjonali ma jirrizultax f’ ‘improved streetscape’.

Fid-decizjoni moghtija mill-Bord Ta’ l-Appell ippresjedut mill-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey li jgib id-data tal-4 ta’ Mejju, 2007:
• Il proprjeta fil-vicinanzi tas-sit in esami hija ta’ zewg sulari;
• Il-pjan lokali, kif approvat, jikkonferma ‘two floors’ ghas-sit in ezami mentri l-applikazzjoni hija ghal ‘three floors’ (Map M14.4-C).
• M’hemmx commitments ta’ bini ta’ aktar minn zewg sulari fil-vicinazi tas-sit in ezami l jistghu jiggustifikaw bini ta’ aktar minn zewg sulari;

Fin-nota tal-Avukat Dr Leslie Cuschieri ta’ l-1 ta’ Settembru, 2010, li tittratta zewg appelli jigfieri PAB 224/04 u PAB 279/07:
• Bil-permess PA 2376/93 hemm vested right fuq dan is-sit. Dan anke ghaliex meta l-PAB hareg il-permess dan ghamlu wara li ghamel site visit fis-sit in ezami;
• Jekk l-applikazzjoni PA 597/02 tigi approvata fl-istadju tal-appell din l-applikazzjoni awtomatikament tissanzjona l-illegalitajiet li hemm fuq is-sit;
• L-illegalitajiet li hemm fuq is-sit huma ‘minimi’;
• L-Awtorita m’ghandiex gurisdizzjoni fuq l-illegalitajiet peress li dawn saru qabel is-sena 1992;
• Inghataw numru ta’ permessi b’mertu simili ghal dan il-kas;
• Il-punt krucjali f’dan il-kas huwa li l-appellant huwa intitolat ghat-tielet sular in vista tal-fatt li l-Height Relaxation Policy ghada tapplika;

• Is-sit relattiv ghall-permess PA 2210/95 jinsab ftit metri boghod mis-sit in ezami u jikkostitwixxi commitment car;
• Fuq l-issue tal-commitments, is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell jemfasizzaw l-importanza li dawn ghandhom jittihdu in konsiderazzjoni minkejja kull konsiderazzjoni kuntrarja ohra;
• Il-kas in ezami jikkonsisti f'renewal ta' permess diga mahrug b'differenzi zghar mill-permess originali;

Fin-nota addizzjonali ta' Mario Scicluna tas-26 ta' Ottubru, 2010, li tittratta zewg appelli jigfieri PAB 224/04 u PAB 279/07:
• M'hemmx vested right fuq dan is-sit li jirrizulta mill-permess PA 2376/93 kif qed jikkontendi l-appellant. Dan ghaliex il-PAB hareg dan il-permess skond it-talba ta' l-appellant kif kienet tirrizulta mill-files relattivi u mhux skond dak li ra meta ghamel is-site visit;
• Peress li l-applikazzjoni PA 597/02 hija outline application, anki kieku kellha tigi approvata fl-istadju tal-appell din l-applikazzjoni, xorta ma' tissanzjonax l-illegalitajiet li hemm fuq is-sit u dan peress li f' outline permit ma jigux approvati pjanti dettaljati. Fi kwalinque kas l-applikazzjoni PA 597/02 ma' tinkludiex talba ghas-sanzjonar ta' l-illegalitajiet li jezistu fuq is-sit;
• Is-siti li jikkorrispondu ghall-PA 1863/05 u PA 597/02 ma' jinkludux talba ghas-s-sanzjonar ta' l-illegalitajiet li saru.
• L-illegalitajiet m'humiex 'minimi';
• L-ezempji ta' permessi li gab l-appellant ma' japplikawx ghal dan il-kas;
• Fuq l-issue tal-commitments, is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell jemfasizzaw l-importanza li f'kull kas, ic-cirkostanzi partikolari kollha tal-kas ghandhom jigu ikkonsidrati meta tkun qed issir id-decizjoni. Ma' jghidux li l-pjan lokali jew xi pjan jew policy ohra ghandu jigi injorat;
• L-ebda wahda miz-zewg applikazzjonijiet, PA 1863/05 u PA 597/02, ma' hija ghal renewal;
• L-Awtorita harget ECF 500/08 fuq l-illegalitajiet, liema enforcement ma' giex appellata mill-appellant li juri li l-appellant jaqbel li l-Awtorita' ghandha gurisdizzjoni fuq illegalitajiet li saru qabel is-sena 1992;

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2011, l-Avukat Dr Anthony DeGaetano, ivverbalizza li:
• Skond l-Artiklu 69, sub-artiklu 2(i) proviso, commitments ta gholi li jkun oghla dak fil-pjan lokali ma' jisrax jigi kunsidrat bhala material consideration li l-Awtorita jew it-Tribunal jikkonsidra fid-decizjoni taghhom.

Ikkonsidra ulterjorment:

Wara li kkonsidra il-premess u minn ezami tal-pjanti, ritratti u dokumenti li hemm fil-files PAB 224/04 u PA 0597/02, it-Tribunal jikkumenta kif gej:

Hemm qbil bejn iz-zewg partijiet li t-Temporary Provisions Scheme (TPS) u l-Height Limitation Guidance kienu japplikaw meta sar dan l-appell u li dawn jispecifikaw li, ghas-sit in ezami, il-height limitation huwa ta' zewg sulari.

L-Awtorita targumenta li peress li xi zmien qabel kien gie ippublikat id-Draft Gozo and Comino Local Plan, il-policy Interim Review of Building Heights Pending Local Plan Completion tas-sena 1993, ma' baqghatx tapplika u dan biex jigu ssalvagwardjati l-intenzjonijiet tal-policies SET8 u BEN4 ta' l-iStructure Plan. Dan ghalhekk kien necessarju biex ma' jigux compromessi l-proposti li kienu qed isiru fl-abbozz tal-pjan lokali.

It-Tribunal jaqbel li din kienet l-unika triq possibbli biex ma' jigux miksura l-policies SET8 u BEN4 ta' l-iStructure Plan li hija l-ligi li minnha johorgu l-pjanijiet u l-policies l-ohra kollha ta' pajjizna.

Illum il-Gozo and Comino Local Plan (Map M14.4-C) jikkonferma 'two floors' ghas-sit in ezami. L-gholi propost ta' tlett sulari hu ghalhekk in kontravenzjoni tal-height limitation approvata ghal din il-lokalita', u tal-Gozo and Comino Local Plan, Policy HTML-1.

Dwar il-Part 17 tal-Policy and Design Guidance, 2007, it-Tribunal jaqbel ma' l-Awtorita' li dan is-sit ma' jikkwalifikax peress li PA 2210/95 mhix fl-'immediate vicinity' izda 'within the same street' u anke ghaliex l-izvilupp propost

mhux ‘compatible with its immediate surroundings’ u is-sular addizzjonali ma’ jirrizultax f’ ‘improved streetscape’. Illum dahal fis-sehh l-proviso tal-Artiklu 69 (2) (i) tal-Kap. 504, li jghid li l-commitment tal-gholi tal-bini fil-vicinanzi ma jistax jigi interpretat li jgholli l-height limitation indikat fil-Plan.

L-applikant naqas milli jittratta b’mod konvincenti il-problema li qajmet l-Awtorita’ dwar l-illegalitajiet fuq is-sit in ezami (bi ksur tas-Circular PA 2/96) kif ukoll dwar il-fatt li l-proposta ma’ tipprovdiex spazju adegwat ghall-parking u li l-proposta ghalhekk tikser il-policy TRA 4 tal-pjan strutturali.

It-Tribunal jaqbel ma’ l-Awtorita li f’kull wiehed mill-kazi kkwotati mill-appellant fil-kors tas-smieh ta’ dan l-appell issib differenzi mill-kaz in ezami bhal:
• Iz-zmien meta tkun saret l-applikazzjoni peress li f’kull zmien dejjem japplika regime ta’ plans and policies specifiku ghal dak iz-zmien;
• Il-lokalita geografika tas-sit;
• Il-kuntest tas-sit;
• It-talbiet li jkunu saru fl-applikazzjoni; u
• L-istorja f’termini ta’ zvilupp tas-sit.

F’wahda mis-sottomissjonijiet tieghu l-appellant issottometta li l-applikazzjoni tieghu ghandha tigi deciza skond il-ligijiet, plans u policies vigenti meta saret l-applikazzjoni.

Il-kwistjoni dwar liema ligi hi applikabbli giet deciza mill-Onorabbli Qrati tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ‘Angelo Farrugia vs Awtorita’ tal-Ippjanar’ deciza fl-24 ta’ April 1996; kif ukoll fil-kas fl-ismijiet ‘Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp’ deciza mill-istess Qorti fil-31 ta’ Mejju 1996.

Dawn id-decizjonijiet stabillew l-principju li l-applikazzjonijiet jigu decizi skond il-pjanijiet u l-policies in vigore fiz-zmien li tittiehed id-decizjoni u mhux dawk in vigore meta saret l-applikazzjoni.

In konkluzjoni, kif jidher mill-fatti li hargu fil-kors tas-smieh ta' dan l-appell, billi jirrizulta li il-proposta in ezami tikser numru ta' policies tal-Pjan Strutturali, tal-Gozo and Comino Local Plan u tal- Policy and Design Guidance, 2007,dan l-appell ma jirrizultax fondat u ma jimmeritax kunsiderazzjoni favorevoli;

It-Tribunal, ghalhekk, qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma ir-rifjut mahrug mill- Awtorita' ta' l-applikazzjoni PA 0597/02 'Construction of flats at second floor', b' decizjoni tat-28 ta' Gunju, 2004 wara reconsideration.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. It-Tribunal illeda d-dritt tal-audi alteram partem billi ma tax l-istess piz lill-argumenti tal-appellant kif ghamel mal-Awtorita;
2. It-Tribunal naqas li jaghti l-istess trattament lill-appellant u applika b'mod retroattiv ligi fis-sens illi commitemnt dwar building height ma japplikax, u ghandu jibqa' japplika l-principju tal-commitemnt kif kien meta l-kaz kien differit ghad-decizjoni;
3. Id-decizjoni tat-Tribunal mhix korretta jew gusta ghax:
a. L-applikazzjoni kienet ghal estensjoni ta' permess u xogholijiet addizjonali minuri u ghalhekk it-Tribunal ma setghax jirrevoka l-permess mahrug validatament;
b. Kieku applika l-policies kif mitlub mill-appellant f'dak iz-zmien ma kienx ikun hemm bzonn ta' sanzjonar;
c. Il-kwistjoni ta' sanzjonar ta' irregolaritajiet qatt ma giet spjegata sew fid-dawl tal-policies vigenti u cahhad lill-esponenti milli jirribatti l-akkuza. Anki kieku ezistew irregolaritajiet dawn kienu de minimis;
d. Jekk tezisti irregolarita qatt ma gie pruvat lil min jappartjenu l-irregolaritajiet meta tqis li fl-istess blokk hemm terza persuna li applikat u inhargilha permess;
e. Fil-kaz tat-terz ma tqajmitx il-kwistjoni ta' irregolarita;
f. L-irregolaritajiet cioe grada u liftwell setghu ingiebu ghall-attenzjoni tal-applikant fir-reconsideration u mhux ingiebu bhala skuza ghal rifjut;

g. In ogni kaz il-grada u liftwell saru fis-snin tmenin u ghalhekk ma kienux jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-MEPA Circular 2/96 ma tapplikax ghalihom u messha intlaqghet l-applikazzjoni bhal ma ntlaqghet tat-terz;
4. Id-decizjoni tat-Tribunal ma osservatx il-principju tad-dritt vestit;
5. It-talba tal-appellant hi koperta bil-policies senjatament DC 2007 kuntrarja ghal dak li ddecieda t-Tribunal.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju ma fihx mertu. Qari tal-atti u decizjoni tat-Tribunal juri illi l-partijiet inghataw kull opportunita li jressqu l-argumenti taghhom b'mod liberu u miftuh u l-istess verbali quddiem it-Tribunal juru illi l-appellant ripetutament f'diversi seduti talab u inghata l-fakolta li jezamina applikazzjonijiet ohra biex jissostanzja l-pretensjoni tieghu fl-appell u dan minghajr ebda xkiel u b'ghoti ta' terminu ragonevoli biex jivverifika dak li ried.

Id-decizjoni fiha sintesi dettaljata tal-argumentazzjoni kollha tal-partijiet, u t-Tribunal wizen dawn l-argumenti. Il-fatt wahdu li t-Tribunal attribwixxa aktar sahha lill-certi argumenti tal-Awtorita minn dawk tal-appellant ma jfissirx li nkiser xi dritt kif qed jippretendi l-appellant fit-termini ta' dan l-aggravju cioe l-lezjoni tal-principju tal-audi alteram partem.

Kwindi dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju fih kwistjoni legali interessanti u cioe jekk ghandux l-artikolu 69(2) li gie introdott fl-2011 ghandux japplika bi pregudizzju ghall-appellant billi sa dakinhar, l-gholi tal-binjiet fiz-zona kienet argument li seta' jitqajjem minn applikant bhala kwistjoni ta' sustanza li t-Tribunal kellu obbligu li jqis. Bl-introduzzjoni tal-proviso ghall-artikolu 69(2) dan l-argument li seta' jintuza a favur applikant fl-argumentazzjoni tieghu ghal ezitu favorevoli ghall-applikazzjoni tieghu gie eskluz specifikament bil-ligi.

Il-Qorti kienet tkun propensa li tidhol fil-mertu ta’ dan l-aggravju kieku d-decizjoni tat-Tribunal giet abbuzata biss jew principalment fuq il-kwistjoni tal-‘commitment’ b’referenza ghal height limitations bhala r-raguni li ghalih gie michud l-appell. Pero dan mhux il-kaz.

Hu minnu illi t-Tribunal ikkonsidrah bhala wiehed mill-elementi li jmur kontra l-argumentazzjoni tal-appellant, pero xorta wahda dahal fil-kwistjoni dwar il-permessi mressqa mill-appellant u ta’ aditu ghall-argumenti tal-Awtorita mhux tal-appellant. Aktar minn hekk pero, it-Tribunal fil-parti decisiva tieghu ghamilha cara li oltre l-policies u pjan lokali li l-izvilupp kien qed jivvjola, l-applikazzjoni infisha ma kienitx tinkludi talba ghal sanzjonar skond ic-crkulari 2/96, ezistenti meta saret l-applikazzjoni u ghalhekk fi kwalunkwe kaz it-talba ghall-izvilupp ma setghet qatt tigi approvata. Dan kien il-punt kardinali li wassal ghad-decizjoni tat-Tribunal u ghalhekk il-kwistjoni legali tar-retroattivita tal-ligi, ghalkemm interessanti mill-punto di vista legali, hi akkademika ghall-fattispecie ta’ dan l-appell u kwindi dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**It-tielet aggravju**

L-appellant isostni illi d-decizjoni mhix gusta fil-konfront tieghu. Strettament dan l-aggravju lanqas jikkostitwixxi punt ta’ ligi determinat mit-Tribunal. Madankollu harsa lejn il-punti msemmija mill-appellant f’dan l-aggravju jirrizulta dan li gej.

L-appellant qed jassumi illi fic-cahda ghal hrug tal-permess it-Tribunal kien qed jirrevoka permess mahrug fuq l-istess sit. Dan ma hu minnu xejn. Kull ma ddecieda t-Tribunal hu illi l-applikazzjoni mertu ta’ dan l-appell kienet qed tigi michuda ghax irrizultaw nuqqasijiet lejn dak li kellu jigi zviluppat bil-permess PA 2376/93 u dak ezistenti fattwalment meta ntalab li jsiru emendi ghall-istess permess u alterazzjonijiet. Il-permess PA 2376/93 ma kienx minsus b’din id-decizjoni.

It-tieni u t-tielet lanjanza hi wahda fis-sens li kieku gew applikati l-policies fi zmien l-applikazzjoni u mhux dawk fiz-zmien tad-decizjoni, l-appellant ma kienx ikollu bzonn jissanzjona xejn. Dan mhux minnu ghax kif gia intqal f'din is-sentenza t-Tribnunal ibbaza primarjament id-decizjoni tieghu fuq in-nuqqas li jigu sanzjonati jew jintalbu li jigu sanzjonati illegalitajiet ezistenti mill-permess 2376/93 qabel saret jew flimkien mal-prezentata ta' din l-applikazzjoni. It-Tribunal in oltre applika cirkolari 2/96 ezistenti fiz-zmien tal-applikazzjni u kienet kwistjoni li giet imqajma mhux mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu izda mill-bidu nett fid-decizjoni tal-Awtorita. Il-kwistjoni jekk dawn l-irregolitajiet kienux de minimis hi kwistjoni ta' fatt u mhix sindakabbli mill-Qorti. Ma hemmx bzonn li t-Tribunal jispjega l-kontenut tac-cirkolari biex ikun car ghax il-fatt stess li din il-kwistjoni kienet qamet ab initio, il-partijiet kienu ben konxji tal-portata ta' tali cirkolari.

Ir-raba, hames u sitt ilmenti huma kwistjonijiet ta' fatt li din il-Qorti ma tistax tissindaka u del resto t-Tribunal fid-decizjoni tieghu jidher car li kien fi qbil mal-Awtorita illi fil-fatt kien hemm illegalitajiet li skond il-ligi kellhom jigu sanzjonati qabel issir applikazzjoni ohra. L-istess Awtorita fis-sottomissjonijiet taghha tirreferi ghal enforcement notice li hareg fuq l-irregolaritajiet ECF 500/08 kontra l-appellant u li l-appellant ma agixxiex kontra din in-notice. Din tindika li kontra dak li qed jissottometti l-appellant f'dan l-istadju, ma taqment ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni fiz-zmien appozitu u fis-seda idonea ghal tali oggezzjoni.

In kwantu ghal lanjanza illi l-appellant ma nghatax l-istess trattament bhall-applikanti ohra t-Tribunal qabel mal-argumenti tal-Awtorita kontra dan l-argument u sostanzjah. Kien ikun hemm dritt ta' appell kieku l-appellant gie injorat pero t-Tribunal ha konjizzjoni tal-argument tal-partijiet kif riportati fl-istess decizjoni u ghal ragunijiet msemmija minnu kkonkluda li dan il-kaz kien fih differenzi li ma jimmeritawx l-istess trattament. Darba li l-kwistjoni tkun giet trattata u motivata din il-Qorti ma ghandhiex tassumi rwol ta' appell mill-gdid fuq il-fatti.

Ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

**Ir-raba aggravju**

L-appellant jikkontendi li t-Tribunal ma osservax il-principju li ghandu dritt vestit. Dan l-aggravju ma tantx jiftiehem. Il-permess mahrug lill-appellant PA 2376/93 kien jikkostitwixxi dritt vestit fl-appellant li jizviluppa l-binja tieghu skond il-permess. Dan l-appell ma mess xejn minn dak il-permess. Dan pero ma jfissirx illi jekk il-binja mhix konformi mal-permess, allura qed jigi minsus xi dritt li l-applikant qatt ma jista’ jivvanta li ghandu. In oltre kull zvilupp sussegwenti irid isir fil-parametri ta’ dak permess originarjament u qabel jigi sanat dak kontravvenzjonali ebda zvilupp sussegwenti ma jista’ jigi permess. Ghalhekk il-Qorti ma tifhimx liema dritt vestit gie vjolat lill-appellant.

Jekk l-appellant qed jalludi ghal xi dritt li jinghata permess jizviluppa skond policies ezistenti fiz-zmien tal-applikazzjoni, il-Qorti tirrileva illi applikazzjoni tikkostitwixxi talba jew xewqa u l-applikazzjoni per se ma jikkostitwixxi ebda dritt fl-applikant. Id-dritt vestit jinsorgi meta tittiehed id-decizjoni a bazi tal-ligi, pjanijiet u policies kif ikunu fis-sehh fiz-zmien tad-decizjoni, u hu l-permess li jikkostitwixxi d-dritt.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Il-hames aggravju**

Dan l-aggravju gie specifikatament trattat mit-Tribunal, kunsidrat u moghti interpretazzjoni li jirrizulta mill-qari tal-istess policy. Hu appellabbli aggravju materjali u sostanzjali li t-Tribunal jinjora jew ma jaghtihx id-debitu konsiderazzjoni ghalih. F’dan il-kaz it-Tribunal kkunsidra specifikatament dan l-aggravju u mill-fatti li kellu quddiemu wasal ghal konkluzjoni li din il-policy mhix applikabbli ghal kaz ghar-ragunijiet moghtija mill-istess Tribunal. L-interpretazzjoni ta’ policy hi fdata f’idejn it-Tribunal u din il-Qorti ma ghandhiex jedd tintrometti ruhha sakemm dak li t-Tribunal iqis interpretazzjoni tkun applikazzjoni hazina ta’ ligi jew policy. Pero dan mhux il-

kaz f’din l-istanza u ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk tichad l-appell ta’ Gozo Caterers Limited u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta’ Novembru 2011. Bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------